**Gwida għall-Immaniġġjar ta' Skart Domestiku ta' pazjenti bil-COVID-19 u Kuntatti (Persuna suspettata jew konfermata mil-laboratorju li għandha l-COVID-19 jew li qegħda taħt kwarantina mandatorja)**

Il-pandemija kurrenti tal-COVID-19 tqajjem mistoqsijiet fuq l-immaniġġjar ta' skart domestiku fi djar ta' pazjenti pożittivi għall-COVID-19, il-kuntatti u pazjenti li qegħdin taħt investigazzjoni jew taħt kwarantina mandatorja.

## Introduzzjoni – trażmissjoni tal-COVID-19

Il-virus tal-COVID-19 huwa trażmess b'mod respiratorju u kuntatt dirett. Qtar respiratorju jkun ġenerat meta persuna infettata tisgħol jew tagħtas. Għalhekk, persuna f'kuntatt mill-qrib ta' xiħadd li għandu sintomi respiratorji (per eżempju, jagħtas, jisgħol) jew deni jew qtugħ ta' nifs, qegħda f'riskju li tkun esposta għal qtar respiratorju potenzjalment infettiv. Qtar jista' wkoll jaqa' fuq uċuħ ta' affarijiet fejn il-virus jista' jibqa' ħaj, u b'hekk oġġetti li jintużaw minn individwu infettat jistgħu jservu ta' sors ta' trażmissjoni (trażmissjoni b'kuntatt).

Is-sħana, pH għolja jew baxxa, dawl tax-xemx u diżinfettanti komuni (bħalma huwa l-chlorine) kollha joqtlu l-virus

(i). Mhux ċert kemm idum ħaj fuq l-uċuħ tal-affarijiet il-virus li jikkawża l-COVID-19, imma jidher li jaġixxi bħal coronaviruses oħrajn. Studju riċenti dwar l-għixien ta' coronaviruses umani fuq uċuħ tal-affarijiet wera varjazzjoni ta' minn sagħtejn għal disa t'ijiem

(ii). Iż-żmien ta' għixien jiddependi fuq numru ta' fatturi, inklużi t-tip tal-wiċċ, temperatura, l-umdità relattiva u r-razza tal-virus. L-istess studju wera wkoll li l-inattività effettiva tista' sseħħ f'temp ta' minuta bl-użu ta' diżinfettanti komuni, bħalma huwa 70% ethanol jew sodium hypochlorite.

Dan id-dokument għandu l-għan li jipprovdi gwida dwar kif tiddisponi minn skart domestiku lil persuni li huma konfermati bil-COVID-19 jew suspettati li jistgħu jkunu hekk u li jistgħu jingħataw kura d-dar, u lill-kuntatti tagħhom bħalma huma membri tal-familja u/jew persuni li jikkurawhom, jew persuni li qegħdin taħt kwarantina obbligatorja.

## Gwida Ġenerali

Linji gwida ġenerali pubblikati mill-Awtoritajiet tas-Saħħa Pubblika jipprovdu linji gwida ġenerali dwar kif tillimita t-tifrix tal-COVID-19. Dawn għandhom ikunu osservati

skruplożament fl-immaniġġjar ta' skart domestiku fi djar fejn hemm persuni konfermati bil-COVID-19 jew suspettati li jistgħu jkun hekk jew li qegħdin taħt kwarantina obbligatorja u li qegħdin jingħataw kura d-dar, u l-kuntatti tagħhom:

- L-iġjene tal-idejn hija estremament importanti wara l-immaniġġar tal-iskart. Il-ħasil tal-idejn bis-sapun u l-ilma jew b'hand rub li tkun alcohol-based li jkollu 70% ethanol għandu jsir skont l-istruzzjonijiet.
- Evita l-mess tal-għajnejn, l-imnieħer u l-ħalq b'idejn mhux maħsulin.
- Evita kuntatt mill-qrib ma' persuni li huma morda.
- Jekk timrad b'sintomi respiratorji bħal deni u sogħla, żomm bogħod mill-post tax-xogħol, mill-iskola jew minn nies oħrajn.
- Meta tisgħol u tagħtas għatti imnieħrek u ħalqek b'tissue u ddisponi immedjatament minn tissues wżati f'kontenitur tal-iskart li jkollu borża.
- Jekk tuża apparat għall-protezzjoni personali (PPE) segwi l-proċeduri adekwati dwar kif tneħħih. Poġġi ingwanti u maskri wżati u affarijiet oħrajn kontaminati f'borża li tingħalaq qabel ma tiddisponi minnhom ma' skart domestiku ieħor. Aħsel idejk (bis-sapun u l-ilma jew sanitiser tal-idejn li jkun alcohol-based) immedjatament wara li tkun immaniġġjat dawn l-affarijiet.

## Maniġġjar ta' skart f'residenzi kontaminati jew potenzjalment kontaminati bil-COVID-19

- M'għandux ikun hemm separazzjoni tal-iskart f'postijiet fejn jgħixu persuni infettati. L-iskart kollu għandu jkun kunsidrat bħala 'skart imħallat' u għandu jintrema b'konformità mar-rakkomandazzjonijiet t'hawn taħt. M'GĦANDUX isir separar ta' skart organiku, riċikabbli jew ħġieġ.
- L-iskart personali kollu (inklużi maskri u tissues) għandu jinġabar f'porzjonijiet żgħar f'mhux aktar minn tliet kwarti ta' borża tal-iskart tal-plastik li ma jitqattax u li għandha tingħalaq sew.
- Din il-borża għandha imbagħad titpoġġa f'borża oħra u tingħalaq qabel titpoġġa f'kontenitur tal-iskart.

- Żomm il-borża bl-iskart domestiku u organiku għal mill-inqas 72 siegħa (biex tnaqqas ir-riskju li l-virus jibqa' ħaj fl-iskart) f'kamra li ma tkunx aċċessibbli għal ħaddieħor u għal annimali (jekk hemm bżonn ippakkjata sew fil-gallerija).
- Il-boroż tal-iskart għandhom jintremew fil-kontenituri għall-ġbir tal-iskart jew jinġabru bħas-soltu, meta jinġabar 'skart imħallat'.
- Il-ġbir tal-iskart bieb bieb għandu jibqa' l-mod l-aktar favorit biex tiddisponi mill-iskart, biex ikun evitat il-moviment eċċessiv ta' persuni (u allura kuntatt ta' persuna ma' persuna) biex jiddisponu mill-iskart tagħhom b'mezzi differenti.
- Jekk il-ġbir tal-iskart huwa permezz ta' twassil f'postijiet (bring banks, skips, kontenituri taħt l-art, eċċ) il-borza tal-iskart relatata għandha tittieħed fil-kontenitur għall-iskart immarkat 'skart imħallat' minn kuntatt li ma jkunx infettat f'ħin meta jkun hemm l-inqas possibiltà li jiltaqa' ma' nies oħrajn li jkunu qegħdin jużaw l-istess faċilità.

## Skart muniċipali ġenerat minn postijiet fejn hemm persuni pożittivi għall-COVID-19 li qegħdin f'iżolament jew taħt kwarantina obbligatorja

- L-iskart kollu għandu jkun klassifikat bħala skart mediku infettiv (perikoluż).
- Il-proċeduri tal-immaniġġjar għandhom ikunu b'konformità mar-regolamenti tal-liġi għal skart bħal dan (i.e. servizz li jitmexxa minn kumpaniji speċjalizzati, l-użu ta' boroż standard għall-ġbir tal-iskart, sterilizzazzjoni, impjanti speċjalizzati għat-trattament tal-iskart, eċċ).
- Bil-għan li jkunu garantiti servizzi ta' ġbir, il-proċeduri għall-immaniġġjar sigur ta' skart muniċipali huma dawn li ġejjin:
    - M'għandux isir separar tal-iskart fil-post – il-frazzjonijiet kollha tal-iskart jinġabru bħala skart residwu
    - L-iskart għandu l-ewwel jinġabar f'borża u mbagħad jitpoġġa fit-tieni borża (jew aktar, skont l-proprjetajiet mekkaniċi tat-tieni borża) qabel jitpoġġa fil-borża quddiem il-bieb tad-dar biex jinġabar;
    - Jekk huwa possibbli, uża kontenitur li jkollu pedala għall-boroż tal-iskart;

- Il-boroż għandhom jintrabtu (bi spaga jew tape) waqt li tuża ingwanti li jintużaw darba biss;
- Tippressax il-boroż b'idejk;
- Tħallux annimali domestiċi jmorru qrib il-boroż tal-iskart;
- Oħroġ il-boroż tal-iskart biex jinġabru skont is-sistema wżata;
- Jekk il-persuna f'iżolament/taħt kwarantina ma tistax toħroġ l-iskart biex jinġabar, l-awtorità lokali għandha jkollha servizz speċifika b'impjegati speċjalizzati.

## Skart muniċipali ġenerat minn djar li fihom ma jgħixux persuni pożittivi għall-COVID-19 li qegħdin f'iżolament jew persuni taħt kwarantina obbligatorja

- Għandha ssir separazzjoni tal-iskart.
- Tissues, maskri, ingwanti li jintużaw darba biss għandhom ikunu inklużi mal-iskart residwu li għandu jitpoġġa f'żewġ boroż magħluqin bi spaga jew tape.

---


[1] *WHO Water, sanitation, hygiene and waste management for the COVID-19 virus - Technical brief. 3 March 2020*

[1] *Kampf G, Todt D, Pfaender S, Steinmann E. Persistence of coronaviruses on inanimate surfaces and their inactivation with biocidal agents. J Hosp Infect. 2020;104(3):246–51. doi:10.1016/j.jhin.2020.01.022.*

*Ara wkoll: Municipal waste management and covid-19 accessed on https://www.acrplus.org/en/municipal-waste-management-covid-19 on 20/3/20*